**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Awwissu 2023**

**Rikors nru : 305/2023 AGV ;**

**S (S – M ) C**

**VS**

**RM**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' SM C datat 29 ta' Mejju 2023,**

**Tesponi bir-rispett;**

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta Mejju tas-sena elf, disa mija, sitta u disghin (1996) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom wild bl-isem ta HM li twieldet fit-(12) ta Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) li illum hija maggjoreni;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Abela fil-hdax (11) ta Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Dok B);

4. Illli l-partijiet ilhom ghalhekk separatti legalment mill-elfejn u hamsa (2005);

5. Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragjonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi ma kienx hemm manteniment dovut bejn il-partijiet stante dekadenza;

7. Illi ma kienx hemm manteniment dovut fil-konfrnot ta binthom mill-intimat stante li gie dikjarat li ma kellux obbligu ta manteniment fir-rigward taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta bejninha u bejn l-Intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejnithom;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' RM ;**

**Jesponi umilment,**

1. Illi fl-ewwel lok huwa jaqbel mal-kontenut tar-rikors suindikat u mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti SM C u ghalhekk ma jopponix illi z-zwieg taghhom jinhall u jigi ppronunzjat id-divorzju bejnithom.

2. Illi fit-tieni lok huwa jirrileva li gie dikjarat li ma humiex il-misssier naturali ta H u ismu tnehha minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess wild tar-rikorrenti (anness u mmarkat bhala Dok 1) u dan permezz ta' sentenza res judicata datata 2 ta' Marzu, 2007 moghtija mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi (kopja informali tas-sentenza annessa u mmarkata bhala Dok 2).

**Rat ir-Rikors kongunt ta  SM M   u ta' R M**

Illi l-kawza thalliet ghat-28 ta' Settembru, 2023 ghan-notifika;

Illi l-partijiet jirrilevaw illi m'ghandhomx iktar provi xi jressqu u li ghalhekk il-kawza tista tghaddi ghd-decizjoni;

Illi stante li l-attrici trid tizzewweg, il-partijiet jitolbu illi l-kawza tigi rikjamata ghal data iktar vicin u li jigi akkordat t-terminu tal-appell.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilmemt jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet spjegati fis-suespost, tigi rikjamata l-kawza ghal data iktar vicin u jigi akkordat it-terminu tal-Appell.

Salv provvedimenti ulterjuri li jogghobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar is- 26 ta' Mejju  1996**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**